**Il-Gimgha 18 ta' Ottubru, 2002**

**A tutti gli zeri del mondo**

Mhux l-Italja biss ghandhom iz-zerijiet. Issa anke Malta! Zerijiet jew b'Malta ahjar – xejnijiet! Heqq! Hekk irid jghid l-ex Prim Ministru Malti Dom Mintoff u l-istess irid jghid l-ex Prim Ministru Laburista iehor Karmenu Mifsud Bonnici. Xejnijiet! L-uniku numru li timmultiplikah kemm timmultiplikah bih innifsu dejjem jerga' jirrizulta fih innifsu. Izda ghalhekk il-politika mhix matematika! Ghax fil-politika n-numri jiehdu xejra differenti – dak li hu xejn jista' jfisser hafna. Ix-xejn li qeghdin jirreferu ghalih iz-zewg ex-Prim Ministri Laburisti huwa pjuttost dak ix-xejn li jinkiteb wara numri ohra biex jgholli l-valur taghhom u jimmultiplikahom b'ghaxar darbiet. Ha nghiduha kif inhi – xejn wahdu ma jiswa xejn, izda kull xejn li jizdied wara xi numru iehor jiswa hafna. U jista' jkun li dawn huma x-xejnijiet li qeghdin jirreferu ghalihom iz-zewg ex-Prim Ministri! Ix-xejnijiet li jiswew hafna – u ghal wiehed ghandna tnejn!

Izda jekk irid inharsu lejn is-sitwazzjoni ta' bhalissa b'pajjizna ma nistghu naghmlu xejn ghajr nimmeraviljaw hafna. Probabbilment hija sitwazzjo unika fejn ghandek tliet generazzjonijeit tal-Partit Laburista Malti li qeghdin jghidu le ghal shubija shiha fl-Unjoni.

Ghalkemm tezisti differenza bejn l-ideologija taz-zewg generazzjonijiet passati u dik moderna tfittex minn fejn tfittex ir-rizultat se jkun li hemm tliet generazzjonijiet ta' Laburisti Maltin li qeghdin jghidu le ghal shubija fl-Unjoni Ewropea. Dan mhux b'kumbinazzjoni. Il-fatt li r-rizultat huwa l-istess juri li, jintqal, hemm xi haga li qieghda thalli l-Partit Laburista Malti fundamentalment l-istess. Dan ghalkemm, kif jihder fic-car il-qalb tal-partitarji Laburisti ghadha maqsuma minhabba l-qasma u firda li jidher li hemm bejn Laburisti u Laburisti.

Min-naha l-ohra jidher (ghax dejjem hekk kien jidher, ghalkemm jidher biss) li l-Partit Nazzjonalista huwa partit intatt, minghajr ebda firda. Heqq! Nghiduha kif inhi! Prim Ministru wiehed kien hemm! Donnu li l-Partit Laburista iktar ihobb il-bidla fit-tmexxija, filwaqt li l-Partit Nazzjonalista ma tantx ihobb jibdel. Nispera li issa tant dara ma jibdilx li ma jridx anke jfarfar minn fuq spallejh it-tmexxija tal-gzejjer Maltin kompletament!

Izda dak li hu nteressanti fix-xena lokali prezenti huwa li l-attenzjoni qieghda tkun zbilancjata lejn it-taqtigha bejn il-Partit Laburista u l-Front Maltin Inqumu. Kulhadd jitkellem dwar dan il-fenomenu li qed isehh ghax ghadu gdid. Min-naha l-ohra donnu li ghejjejna nisimghu lin-Nazzjonalisti jirrepetu l-istess kliem ghaliex jaqblilna. Wara kollox, diga ilhom ghaxar snin jirrepetuh! Kemm nifilhu nisimghu?

Mhux l-ewwel darba li tintesa l-Unjoni proprja biex id-diskussjoni taqa' fuq Mintoff u Sant.

Fil-kuntest ta' dan kollu l-Kampanja Helsien Nazzjonali donnha saret f'daqqa wahda proprjeta' ta' min hu Nazzjonalisti izda li jemmen li Malta tista' tfendi ahjar ghal rasha jekk tibqa' barra l-Unjoni, li jien nighidilha l-akwarju tal-hut il-kbir. Dan ma fih xejn hazin. Anzi huwa tajjeb u hekk ghandu jun. Nahseb li finalment hareg fid-deher li dak li sostniet din il-Kampanja cioe' li l-bieb huwa miftuh ghal kulhadd – huwa veru. L-assenza ta' Karmenu Mifsud Bonnici giet mimlija minn persuna meqjuma hafna minn Karmenu nnifsu li ghalkemm ta' twemmin politiku differenti qieghed jiggieled ghall-istess ghan.

Bhall-Partit Laburista, il-Kampanja Helsien Nazzjonali, bidlet it-tmexxija. Din il-bidla tista' titqies bhala djufija, izda tista' titqies ukoll bhala nifs gdid.

L-Iva donnhom se jaghmlu bhall-Partit Nazzjonalista – dejjem izommu l-istess nies. Minn mindu twaqqfet, il-kelliema ftit li xejn inbidlu. Dan jista' jfisser li l-istess nies qeghdin dejjem jitharrgu l-istess qasam u jibnu dejjem iktar esperjenza. Izda jista' jfisser ukoll li m'hemm xejn gdid – la talent u lanqas shubija.

F'Malta bhal dejjem ghandek dinamizmu qawwi u ma jieqaf qatt in-naha ta' l-ideologija Laburista filwaqt li ghandek xena kostanti li ma titbiddel qatt fuq in-naha ta' l-ideologija Nazzjonalista. Ghalkemm James Bondin (b'diffikulta kbira) irnexxielu jghid li l-barrani li ltaqa' mieghu fetah it-televizjoni u rega' ra lil Mintoff wara xi 40 sena, nesa jghid li kieku qaleb l-istazzjon kien anke jerga' jara lil Dottor Fenech Adami! U donnha li l-iva bla ma trid qieghda tigi traxxinata lejn mhux biss l-ideologija Nazzjonalista, izda wkoll lejn in-nuqqas ta' bidla kemm fil-membri kif ukoll fid-dehra.

Min-naha l-ohra lanqas ma tigi b'sorpriza li jigri hekk billi l-Iva ma tiflahx hlief tkun Nazzjonalista ghax il-membri huma kollha Nazzjonalisti.

Pero' iktar kemm joqrob ir-referendum iktar it-taqtiegha qieghda tihrax. Is-sitwazzjoni qieghda dejjem iktar ticcara u s-suldati tal-favur u tal-kontra dejjem iktar jimmaterjalizzaw. Il-Partit Nazzjonalista, l-Iva, l-UHM, il-Partit Laburista, il-Font Maltin Inqumu, il-Kampanja Helsien Nazzjonali, l-Ghaqda Nassaba, Kaccaturi Konservazzjonisti, GHIMA, il-Knisja, is-sajjieda, il-Koperattiva tal-Bdiewa. U ghal min il-politika tinteressah, dawn l-affarijiet jinzlulu ghasel! M'ghandniex xi nghidu, il-politika Maltija qatt ma kienet nieqsa mill-ispettaklu.

Izda li hu zgur huwa li dawk li huma xejnijiet jew qeghdin jghidu li huma hekk isarrfu hafna iktar minnn xejn?

Viva tutti zeri del mondo.